ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

**IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

1. Il-kunflitt minnu nnifsu mhux ħażin u fil-fatt jinsab kullimkien. Spjega kif dan jista' jkun ta' ġid u uri d-differenza bejn kunflitt qerriedi u dan it-tip ta' kunflitt billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji. (5 marki)
2. Min huma l-imsieħba soċjali fid-dinja tax-xogħol? X'inhu r-rwol ta' **TNEJN** minn dawn? (5 marki)
3. Dan l-aħħar smajna ħafna bil-kelma **riċessjoni**. Xi tfisser din il-kelma? Spjega dan fil-kuntest ekonomiku u soċjali tagħha. (5 marki)
4. Il-kostituzzjoni hi mħarsa minn tliet istituzzjonijiet. Għid liema huma dawn u ikteb dwar ir-rwol ta' **WIEĦED** minnhom fil-ħarsien tal-kostituzzjoni. (5 marki)
5. X'nifhmu meta ngħidu li 's-soċjetà mhix ġungla'? Iddiskuti b'referenza għall-proċess tas-soċjalizzazzjoni. (5 marki)

**25 marka**

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

"L-industrijalizzazzjoni tant għolliet il-produzzjoni li issa tista' kważi tissodisfa l-bżonnijiet essenzjali tal-bnedmin kollha. Toħloq ħafna xogħlijiet u dan hu ta' benefiċċju għas-soċjetà. Imma filwaqt li qed takkumula l-kapital, qed iżżid id-differenza bejn il-pajjiżi sinjuri u dawk li għadhom qed jiżviluppaw. Il-produzzjoni tal-massa toħloq ukoll mentalità konsumerista fejn ħafna mill-bżonnijiet ikunu artifiċjali. L-effiċjenza u l-profitt jirbħu fuq kull għan ekonomiku ieħor."

1. Spjega x'nifhmu bil-frażi **produzzjoni tal-massa** (*mass production*). (5 marki)
2. X'inhuma l-**bżonnijiet essenzjali tal-bniedem**? (5 marki)
3. Uri d-differenza bejn **bżonnijiet** u **kapriċċi**. Agħti eżempju ta' kull wieħed minn dawn. (5 marki)
4. Spjega fil-qosor dwar id-differenzi li jeżistu bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li għadhom qed jiżviluppaw. (5 marki)
5. X'tifhem b'**mentalità konsumerista**? Għid kif din toħloq bżonnijiet artifiċjali. (5 marki)
6. X'nifhmu meta ngħidu li "l-effiċjenza u l-profitt jirbħu kull għan ekonomiku ieħor"? (5 marki)
7. Illum ix-xogħol industrijali qed isir aktar mill-magni milli mill-bniedem. Spjega dan il-proċess u semmi **ŻEWĠ** problemi li dan ġab miegħu għall-ħaddiem. (5 marki)

**35 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn li ġ**

1. X'nifhmu bil-frażi **grupp soċjali**? Spjega x'inhuma l-**peer group** u l-**pressure group** x'inhi d-differenza ta' bejniethom.
2. Fl-edukazzjoni kull ma jmur iżjed qed nitkellmu dwar il-kunċett ta' **inklużjoni**. Ikteb dwar dan u għid kif qed jissaħħaħ dan il-kunċett bl-idea ġdida ta' 'ħadd mit-tfal ma jitħalla barra' (*no child left behind*).
3. Fid-demokrazija hemm numru ta' prinċipji li jiġu mħarsa. Għid x'tifhem b'**demokrazija** u spjega **TLIETA** minn dawn il-prinċipji.

**15-il marka**

**Taqsima D: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-250 kelma dwarha. Il-komponiment fih 25 marka.**

1. "Il-familja tradizzjonali hi differenti ħafna minn dik kontemporanja". Iddiskuti.
2. "Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni hu ta' ġid għall-individwu u għas-soċjetà". Ikkummenta.
3. Ikteb dwar il-funzjoni tar-reliġjon fis-soċjetà Maltija u kkummenta dwar kif il-proċess ta' sekularizzazzjoni qed jaffettwa lill-istituzzjoni reliġjuża.
4. "Il-kunsilli lokali żiedu l-idea ta' demokrazija fil-pajjiż". Ikteb dwar l-erba' għanijiet prinċipali li l-kunsilli jħaddnu u li jwasslu biex l-idea ta' demokrazija tintlaħaq.

**Total: 25 marka**

**Total tal-karta: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers